# It-Tiġrija tradizzjonali tal-festa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat

*minn George Azzopardi*

It-tiġrija tradizzjonali, li għadha ssir sal-lum, taf il-bidu tagħha fi żmien il-kappillan Dun Sidor Mizzi (1810 – 1831). Kien proprju fil-festa tal-1810, l-ewwel waħda organiżżata mill-kappillan imsemmi u li f'dik is-sena ħabtet il-ħadd, 22 ta' Lulju, li ġiet organiżżata għall-ewwel darba din it-tiġrija. Għall-bidu, l-ispejjes kolla tat-tiġrija kienu jitħallsu mill-parroċċa iżda, għallinqas mill-1842, parti mill-ispiża tal-paljijiet (li kienu jingħataw bħala premijiet lir-rebbieħa) bdiet titħallas mill-Gvern b'kontribuzzjoni t'24 skut(1).




*Plier tal-ġebel: aktarx dak li Kien hemm fil-kantuniera bejn Triq Sannat u t-triq li tieħu lejn ix-Xewkija. Tpinġija ta' Giuseppe Spiteri fl-1885*

<u>It-triq tat-tiġrija</u>

It-tiġrija ma' kinitx issir minn dejjem fejn issir illum, jiġifieri fit-triq magħrufa minna lkoll bħala "t-triq tal-Qasam", li minn Taċ-ċawla tagħti dritt lejn Ta' Sannat. Dik li llum hi t-triq tal-Qasam kienet biss passaġġ tar-riġel magħmul minn vasi kbar tal-ġebel mimdudin b'tulhom għall-wisa' tal-passaġġ. Dan il-passaġġ, li kien magħruf bħala "ċ-ċangar", kien jgħaddi minn ġor-raba' minn fejn tgħaddi t-triq tal-Qasam illum. Iktar tard, dan il-passaġġ kien anke twessa', u kien lejn is-snin 50 tas-seklu 20 li ġiet iffurmata t-triq tal-Qasam li hemm illum.

Għalhekk qabel ma' bdiet issir fit-triq tal-Qasam fejn issir illum, it-tiġrija tal-festa ta' Santa Margerita kienet issir fi *Strada Corsa* / Triq it-Tiġrija(2) li llum jisimha Triq Marziena u li twassal mill-Munxar lejn Ta' Sannat jew viċi-versa. Anke din it-triq, fi żmien meta kienet issir fiha t-tiġrija tal-festa ta' Santa Margerita, kienet inqas wiesa milli hi llum.

<u>Tiġrijiet u premijiet</u>

Kienu jsiru tiġrijiet għall-irġiel, tfal (subien), ħmir, bgħula, dwieb u żwiemel. It-tiġrijiet ma' kinux kolla tal-istess tul. L-itwal kienet tkun dik taż-żwiemel u d-dwieb għaliex dawn kienu l-iktar ħfief u jifilħu jiġru. Kienu jitilqu minn tarf il-Munxar u, bħall-oħrajn, it-tiġrija kienet tispiċċa ħdejn il-"barrakka" tal-paljijiet li kienet fejn illum hemm l-iskola elementari tal-Gvern u faċċata ta' fejn illum hemm il-*playing field* pubblika li x-xogħol fuqha (i.e. fuq din tal-aħħar) kien inbeda' fl-1958(4). It-tiġrija tal-bgħula kienet iqsar iżda tispiċċa wkoll ħdejn il-"barrakka" tal-paljijiet. L-iqsar waħda, mbagħad, kienet tkun dik tal-ħmir għax dawn huma l-inqas ħfief u l-inqas li jifilħu jiġru. Iżda t-tiġrija tagħhom kienet tispiċċa wkoll ħdejn il-"barrakka" tal-paljijiet.

Għar-rebbieħa tat-tiġrijiet tal-bhejjem li kienu jsiru bis-sewwieq riekeb fuq dahar il-bhima, kienu jingħataw, bħala premijiet, paljijiet li kienu jikkonsistu fi drappijiet sbieħ tal-ħarir u ta' lwien differenti, f'għamla rettangolari, u mwaħħlin ma'

lasti. Bħala premijiet għar-rebbieħa tat-tiġrijiet tal-irġiel kienu jingħataw xi beritta jew xi ċinturin tal-ġild, filwaqt li għar-rebbieħa tat-tiġrijiet tat-tfal (subien) kienu jingħataw xi maktur.

Kull tiġrija kienet titlaq minn wara ħabel b'tarf wieħed marbut f'ħolqa tal-ġebel fil-ħajt fil-ġenb tat-triq u bit-tarf l-ieħor miżmum minn persuna li kienet titilqu hekk kif surġent tal-pulizija kien jispara tir b'pistola bħala sinjal għat-tluq tat-tiġrija. Minħabba t-tulijiet differenti tat-tiġrijiet, għar-raġunijiet li semmejna iktar '1 fuq, fil-ġenb tat-triq tat-tiġrija (illum, Triq Marziena) kien hemm, mill-inqas, tlitt ħoloq tal-ġebel fil-ħajt bħal dik li għadna kif semmejna: waħda lejn tarf il-Munxar għat-tiġrija tad-dwieb u ż-żwiemel, oħra iktar viċin lejn Ta' Sannat għat-tiġrija tal-ħmir, w oħra daqs nofs id-distanza bejn dawn it-tnejn għat-tiġrija tal-bgħula. Minn dawn it-tlitt ħoloq tal-ġebel fil-ħajt, waħda biss kien għad fadal: dik tat-tiġrija tal-bgħula iżda, sfortunatament, inqas minn sena ilu, din sfat nieqsa wkoll biex b'hekk m'għad fadal l-ebda waħda minnhom.



*Il-ħolqa tal-ġebel fil-ħajt għall-ħabel tat-tiġrija tal-bgħula. Kienet fi Triq Marziena.*

Il-"barrakka" tal-paljijiet

Kif diġa' għidna, kull tiġrija kienet tispiċċa ħdejn il-"barrakka" tal-paljijiet fejn, fi tmiem it-tiġrijiet kolla, kienu jingħataw il-premijiet lir-rebbieħa ta' kull tiġrija. Din il-"barrakka" kienet struttura pjuttost sempliċi; anzi ma' tantx kienet tixbah lil barrakka bħal, ngħidu aħna, dik li hemm f'tarf Triq ir-Repubblika fir-Rabat (Għawdex) jew dik li hemm fis-Saqqajja fir-Rabat (Malta) li minnhom (i.e. minn dawn l-aħħar tnejn) kienu jitqassmu l-paljijiet lir-rebbieħa tat-tiġrijiet tal-bhejjem fil-festa ta' Santa Marija fil-każ tal-ewwel, u fl-Imnarja fil-każ tat-tieni. Aktarx kienet twaqqgħet meta ġiet imwessa' t-triq.

Il-"barrakka" ta' Sannat li, kif għidna qabel, kienet fejn illum hemm l-iskola elementari tal-Gvern u faċċata ta' fejn illum hemm il-*playing field* pubblika – allura, kienet tħares lejn ir-Rabat – kienet tikkonsisti f'ħajt tal-kantun għoli madwar 10 filati mit-triq, nklużi 3 filati tal-"apramorta" fejn kien hemm għalqa li kienet tiġi fuq ir-riħ tal-istess ħajt. Taraġ fil-ġenb u mibni fuq il-ħxuna tal-istess ħajt (fuq in-naħa ta' Sannat) kien iwassal lejn l-"apramorta" u l-għalqa li semmejna. Taħt ir-riħ tal-"apramorta", kienu jitwaħħlu madwar 5 paljijiet: wieħed ta' drapp ordinarju ta' lewn ħamrani w erbgħ' oħra tal-ħarir u ta' lewn differenti minn xulxin. L-erbgħa tal-aħħar kienu jingħataw bħala premijiet lir-rebbieħa (tat-tiġrijiet tal-bhejjem), filwaqt li ta' l-ewwel (ta' drapp ordinarju ta' lewn ħamrani) kien ikun l-istess wieħed kull sena u ma' kienx jingħata bħala premju. Kien jitwaħħal fit-tarf (aktarx fuq in-naħa ta' Sannat) u kien iservi propjament bħala għelm tal-Gvern li kien iħallas l-ispejjes tat-tiġrija. Il-lasti, bil-paljijiet imwaħħlin magħhom minn tulhom, kienu jitqiegħdu taħt ir-riħ tal-"apramorta" mdaħħlin ġo ħoloq tal-ġebel fil-ħajt (tal-"barrakka") u mserrħin

fuq sollijiet tal-ġebel fl-istess ħajt

L-għalqa li kien hemm fuq ir-riħ tal-"barrakka", u li semmejna iktar qabel, kienet proprjeta' tal-Gvern iżda mqabbla lil bdiewa. Bid-dħul mill-qbiela tagħha, l-

Gvern kien iħallas l-ispejjes tat-tiġrija. L-istoriku Pietru Pawl Castagna, meta kien qiegħed jikteb fl-1888 dwar it-tiġrijiet li kienu jsiru f'Għawdex (nkluża dik ta' Sannat) f'dak iż-żmien, jgħid li "l-paljijiet li jingħataw bi premju lil min jieħu l-ewwel, it-tieni, w it-tielet, isiru bi flus il-Gvern". Iżid ukoll li l-Gvern (jew il-Kaxxa ta' Malta) joħroġ 3 liri għall-korsa ta' Sannat(5).

Minn ħdejn il-"barrakka", t-triq kienet tikser lejn il-misraħ fejn hemm il-knisja parrokkjali ta' Sannat, bil-"barrakka" tiġi viċin ħafna tal-kantuniera. Fuq in-naħa l-oħra, sewwasew fil-kantuniera bejn it-triq li twassal lejn il-knisja ta' Sannat u dik li tieħu lejn ix-Xewkija (i.e. it-triq taċ-ċimiterju ta' Sannat), kien hemm plier tal-ġebel bl-ismijiet taż-żewġ toroq indikati fuqu, għaliex f'dak iż-żmien kien għad m'hemm l-ebda bini ieħor hemmhekk u li fuqu, allura, setgħu jiġu ndikati l-ismijiet tat-toroq. Tpinġija bil-linka li qiegħda tiġi riprodotta ma' dan l-artiklu, turi plier tal-ġebel li aktarx huwa dan li dwaru qegħdin nitkellmu. Barra l-ismijiet tat-toroq konċernati, fuq dan il-plier kien hemm indikata wkoll *bench mark* użata għal skopijiet ta' *land surveying*. Bħal din it-tpinġija, kienu saru diversi oħrajn li juru plieri differenti jew anke strutturi oħrajn, bħal djar, apparentement għal skopijiet t'identifikazzjoni u lokalizzazzjoni ta' diversi *bench marks* li kien hawn immarkati f'diversi postijiet f'Għawdex kollu. Dawn it-tpinġijiet (inkluża din riprodotta ma' dan l-artiklu) kienu saru fl-1885 minn ċertu Giuseppe Spiteri, mwieled fir-raħal taż-żebbuġ u li kien *disegnatore all'Ufficio dei Lavori Pubblici.*



L-isfilata bil-paljijiet

Nhar ħadd il-festa filgħodu, l-paljijiet kienu jkunu esebiti fil-gallerija tad-dar tal-Arċipriet ħdejn il-knisja parrokkjali ta' Sannat. Imbagħad, għall-ħabta ta' xi s-sagħtejn ta' wara nofs-inhar, il-paljijiet kienu jiġu mdawwrin ma' diversi toroq tar-raħal, akkumpanjati mill-banda, u fl-aħħar jittieħdu lejn il-"barrakka" fejn kienu jitpoġġew kif semmejna iktar qabel biex, wara t-tiġrijiet, jitqassmu lir-rebbieħa.

Minn meta oriġinat, it-tiġrija tal-festa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat jidher li baqgħet issir b'mod regolari kull sena, forsi b'xi nterruzzjonijiet f'xi każi iżolati biss bħal meta, fl-1942, minħabba t-tieni gwerra dinjija, t-tiġrija tal-festa ta' Sannat ġiet sospiża(6).

REFERENZI

1. BEZZINA, J. 1989. *Sannat fi ġrajjet Għawdex*, Gozo: Parroċċa ta' Sannat, 320-1.
2. Tagħrif ġentilment mogħti mis-Sur Victor Galea.
3. CASTAGNA, P.P. 1888. *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha*, it-tieni darba, I, Malta, 361.
4. *Times of Malta*, 31 October 1962, 11.
5. CASTAGNA, P.P. 1888. *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha*, it-tieni Darba, I, Malta, 361-2.
6. BEZZINA, C. 2003. 'Il-Wirja ta' S. Marija sittin sena f'Villa Rundle', *L-Għid tal-Assunta*, 38 (2003), 11.

Nota:
Ħlief fil-każ tar-referenzi t'hawn fuq, il-bqija u l-parti l-kbira tat-tagħrif ġie ġentilment mogħti minn Salvinu Mercieca ta' 90 sena (mill-Munxar), ġużepp Xiberras ta' 83 sena (minn Ta' Sannat), u Karmnu Azzopardi ta' 76 sena (minn Ta' Sannat). Ir-rikostruzzjoni artistika tal-"barrakka" ġentilment saret minn Joseph Calleja (mill-Munxar) u ġiet ibbażata fuq it-tagħrif mogħti mit-tlitt persuni li semmejna iktar 'l fuq f'din l-istess nota.